MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**MARIO SCERRI**

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2007

Talba Numru. 32/2007/1

Eden Entertainment Limited

vs

Charles Cordina

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' mitejn u hamsa u disghin liri Maltin u sittax -il centesmi (Lm295.16), dovuti ghal servizzi ta' reklamar li gew rezi fuq talba tal-istess konvenut fuq l-istazzjon tar-radio Bay Radio. Bl-ispejjez konnessi mal-avviz tat-talba, tal-ittra interpellatorja tat-22 ta' Novembru 2006, u bl-imghax legali b'effett mill-31 ta' Marzu 2006, li hija d-data tal-ahhar invoice, kontra l-konvenut, u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut debitament innotifikat skond il-ligi bl-avviz tat-talba u bl-avviz ghas-smigh fit-3 ta' Ottubru 2007, la deher u lanqas ipprezenta risposta;

Fl-udjenza tat-8 ta' Novembru 2007, sama' lill-Avukat Dottor Kevin Mompalao ghas-socjeta' attrici li kkonferma bil-gurament li l-ammont indikat fl-avviz tat-talba ghadu dovut fl-intier tieghu, u li l-konvenut baqa' ma hallas xejn minnu;

Fl-udjenza wkoll tat-8 ta' Novembru 2007, gew ipprezentati kapitoli ghas-subizzjoni tal-konvenut, u fl-udjenza tat-13 ta' Novembru 2007, gew miftuha dawn il-kapitoli, u fl-assenza tal-konvenut wara li gie debitament imsejjah diversi drabi skond il-ligi, u baqa' ma deherx, il-kapitoli gew approvati u meqjusa li gew mistqarra mill-konvenut.

Ra d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidra ghalhekk li t-talba tas-socjeta' attrici hija gusta u timmerita li tigi milqugha.

Wara li ra wkoll l-artikoli 9(2)(a) u 13(b) tal-Kap.380.

Jiddeciedi ghaldaqstant billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u hamsa u disghin liri Maltin u sittax -il centesmi (Lm295.16) ekwivalenti ghal sitt mija u seba' u tmenin Euro u erbgha u hamsin centesimi [Euros 687.54], ammont dovut in konnessjoni ma' servizzi ta' reklamar li gew rezi mis-socjeta' attrici fuq talba tal-istess konvenut fuq l-istazzjon tar-radio Bay Radio, bl-imghax legali b'effett mid-data meta gie pprezentat l-avviz tat-talba sad-data tal-eventwali hlas effettiv, u bl-ispejjez kollha gudizzjarji u legali bil-VAT, kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------